**4 ta' Diċembru, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Frank G. Camilleri LL.D.**

Konkors tal-Kredituri ta' Anthony Bezzina

**Konkors ta' Kredituri - Provvediment - Talba għal Ftuħ ta' Konkors ta' Kredituri**

*Il-Qorti tat provvediment fl-Atti tal-Konkors ta' kredituri u rriteniet illi fiċ-ċirkostanzi stante li kien hemm digà digriet, ma ħassitx illi kellha tipprovdi ulterjorment.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Dottor Henry *sive* Eric Mamo, għan-nom u in rappreżentanza tal-Mid-Med Bank Limited, li bih, wara li espona:

Li b'sentenza ta' dina l-Qorti fl-ismijiet **Avv. Dr. Henry *sive* Eric Mamo *noe vs* Anthony Bezzina**, deċiża fit-8 ta' Novembru, 1988 (Ċitaz. nru. 156/88 CS), huwa *nomine* ġie kkanonizzat kreditur ta' l-intimat fis-somma ta' Lm10,703.69,9 (għaxart elef, seba' mija u tliet liri, disgħa u sittin ċenteżmu u

disa' milleżmi); oltre l-imgħax legali mit-12 ta' Frar, 1998 li sal-lum jammonta għal Lm5,351.84,8 (ħamest elef, tliet mija u wieħed u ħamsin lira, erbgħa u tmenin ċenteżmu u tmien millezmi) u Lm351.25,0 (tliet mija u wieħed u ħamsin lira u ħamsa u għoxrin ċenteżmu), rappreżentanti spejjeż tal-kawża skond l-annessa taxxa (dok. A), li jammontaw għas-somma komplesiva ta' Lm16,406.79,7 (sittax-il elf, erba' mija u sitt liri Maltin, disgħa u sebgħin ċenteżmu u seba' millezmi);

Li, in esekuzzjoni ta' sentenza oħra għal ammont akbar fl-istess ismijiet, huwa *nomine* pproċeda b'subbasta nru. 79/92K, kontra Anthony Bezzina u wara l-bejgħ tal-biċċa art fabbrikabbli faċċata fuq San Ġorġ, San Paul il-Baħar, ġiet iddepożitata s-somma ta' Lm15,986.50,0 (ħmistax-il elf, disa' *mija u sitta u tmenin* lira u ħamsin ċenteżmu), u dana permezz ta' ċedola numru 50/94, ippreżentata fit-28 ta' Marzu, 1994, fl-ismijiet **Martin Grima** *vs Avv.* **Dr. Henry** *sive* **Eric Mamo** *noe* *vs* **Anthony Bezzina**;

Li l-kreditu tiegħu *nomine* jinsab insinwat permezz ta' ipoteka ġenerali numru I. 6768/1984 u ipoteka speċjali numru *I. 9751/1984 fuq l-art imsemmija u ipoteka ġenerali ġudizzjarja* numru I. 1146/1990, u għalhek huwa *nomine* jissottometti li huwa għandu jiġi pregradwat qabel il-kredituri l-oħra;

Li l-opposizzjoni għall-iżbank ta' l-ammont iddepożitat permezz taċ-ċedola ssurreferita saret minn Paul Cardona, Connie Azzopardi u l-Avv. Dr. Josè Herrera *nomine* li kollha kemm huma m'urewx li jgawdu xi ipoteki li jippregradwaw dawk tiegħu *nomine*;

Talab, bir-rispett għaldaqstant ir-rikorrent *nomine*, illi l-Qorti jogħġobha tordna l-ftuħ tal-konkors ta' krudituri kontra Anthony Bezzina;

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Awissu, 1994, li bih il-Qorti ordnat il-ħruġ ta' l-avviżi skond l-artikolu 416 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12);

Rat il-libelli li ġew ippreżentati minn dawk li kkonkorrew fuq il-flus iddepożitati biċ-ċedola msemmija fir-rikors promotur ta' l-istanza;

Rat l-atti l-oħra tar-rikors;

Ikkunsidrat:

Li b'digriet tagħha tat-18 ta' Marzu, 1996, din il-Qorti kienet ipprovdiet definittivament fuq ir-rikors tas-soċjetà rikorrenti u awtorizzat l-iżbank, da parti ta' l-istess soċjetà, tas-somma ta' ħmistax-il elf u disa' mija u sitta u tmenin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm15,986.50) iddepożitata bl-imsemmija ċedola nru. 50/94 fl-ismijiet **Martin Grima** *vs* **Avv. Henry** *sive* **Eric Mamo** *noe* *vs* **Anthony Bezzina**, ippreżentata fit-28 ta' Marzu, 1994, fit-termini ta' l-artikolu 422 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12) u dan wara li kienet ikkonstatat illi jirriżulta mill-provi proċesswali illi l-kreditu tas-soċjetà rikorrenti jippregradwaw qabel il-krediti tar-rikorrenti l-oħra u billi dehrilha li ma għandhiex tħalli l-imgħaxijiet jinġemgħu bi ħsara ta' kulħadd;

Li, għalhekk, in vista ta' dan id-digriet, il-Qorti m'għandha tagħmel l-ebda gradwazzjoni ulterjuri bejn il-konkorrenti l-oħra għax l-iskop tal-konkors bid-digriet imsemmi ġie effettivament eżawrit;

Għalhekk, dak li fadal li jiġi deċiż huwa l-kap ta' l-ispejjeż ta' din il-proċedura u, kwindi, il-Qorti qiegħda tgħaddi biex tiddeċidi dan l-istess kap u hekk tikkundanna lill-imsemmi

Anthony Bezzina jħallas l-ispejjeż kollha konnessi ma' din il-proċedura.